

31989R0231

31.1.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 29/27

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 231/89****tat-30 ta' Jannar 1989**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3143/85 fuq il-bejgħ bi prezz imraħħas ta' butir ta' intervent maħsub għall-konsum dirett fil-forma ta' butir konċentrat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib (¹), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1109/88 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(7) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3143/85 (³), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3036/88 (⁴), jintroduċi skema għall-bejgħ bi prezz imraħħas ta' butir ta' intervent maħsub għall-konsum dirett fil-forma ta' butir konċentrat;

Billi, minħabba s-sitwazzjoni tas-suq u t-tnaqqis ta' ħażniet publiċi ta' butir, it-tnaqqis fil-prezzijiet li bihom il-butir qed jinbiegħ mill-aġenziji ta' intervent skond din l-iskema għandhom jiġu aġġustati; billi l-esperjenza turi li l-kontenut nett massimu tal-pakketti ta' butir konċentrat għandu jiġi mnaqqas;

Billi l-miżuri li hemm ipprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Ir-Regolament (KEE) Nru 3143/85 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. In l-Artikolu 2(1):
  - ‘240 EKU’ huwa mibdul b’ ‘EKU 225’,
  - ‘238 ECU’ huwa mibdul b’ ‘EKU 223’,
- u fl-Artikolu 2(4):
  - ‘300 EKU’ huwa mibdul b’ ‘EKU 285’.
2. Fl-Artikolu 5(5) ‘10 kilogrammi’ hija mibdula bi ‘tliet kilogrammi’.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

**Fl-Artikolu 1:**

- punt 1 għandu jaapplika mill-1 ta' Frar 1989, u
- punt 2 għal butir magħmul f'pakketti mill-1 t'April 1989 ‘i quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Jannar 1989.

*Għall-Kummissjoni*

*Ray MAC SHARRY*

*Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.

(²) ĠU L 110, tad-29.4.1988, p. 27.

(³) ĠU L 298, tat-12.11.1985, p. 9.

(⁴) ĠU L 271, ta' l-1.10.1988, p. 93.